MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 593/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Fregapane**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) fit-12 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha dik il-qorti ordnat li Angelo Fregapane jinżamm taħt kustodja sabiex jistenna li jitreġġa' lura lejn l-Italja, u dan skond l-artikolu 15(3) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik il-Qorti ordnat li l-imsemmi Angelo Fregapane għandu jitreġġa' lura wara ħmistax-il jum mid-data ta' l-Ordni, filwaqt li nfurmatu li kellu d-dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell u li jekk iħoss li l-artikolu 10(1) u (2) kif ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea

(Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta) qed jinkisru, inkisru jew aktarx ser jinkisru, hu għandu d-dritt li japplika għal rimedju skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew skond il-Kap. 319 imsemmi.
**2.** B’rikors intavolat fid-19 ta’ Diċembru 2012 l-estradant Angelo Fregapane appella mill-Ordni u talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ordnat li l-estradant jinżamm taħt kustodja sabiex jistenna t-treġġigħ tiegħu lejn l-Italja u dan skond l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta’ Malta u konsegwentement tiċħad it-talba għall-estradizzjoni u minflok tordna r-rilaxx immedjat tiegħu.

**3.** L-appell gie appuntat ghall-4 ta’ Jannar 2013 meta saret it-trattazzjoni opportuna u l-kawża thalliet għas-sentenza għallum.

**4.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-estradant appellant għandu diversi aggravji li sejrin jiġu kkunsidrati *seriatim*.

**5.** L-appellant jgħid fl-ewwel lok li taħt l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276) il-Qorti kompetenti biex tittratta t-talba għall-estradizzjoni hija l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, u mhux bhala Qorti Struttorja (Art. 15 tal-Kap 276).

**6.** Issa, dak li s-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 15 tal-Kap. 276 jgħid hu li persuna arrestata bis-saħħa ta’ mandat skond l-artikolu 14 għandha (jekk ma tkunx ġiet meħlusa qabel skond is-subartikolu (3) ta’ dak l-artikolu) titressaq malajr kemm ikun prattikabbli u f ’ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha “quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta’ kumpilazzjoni (f’dan l-Att imsejħa l-qorti rimandanti) …” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Il-Qorti ta’ kumpilazzjoni hija l-Qorti Istruttorja. Issa, fl-att li permezz tiegħu l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti ntużat id-diċitura: “Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja – Għall-finijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa Qorti Rimandanti.” Baqgħet tintuża din l-istess diċitura tul il-kawża kollha u saħansitra ntużat din id-diċitura fis-sentenza appellata. Huwa minnu illi l-ewwel Qorti setghet ġiet deskritta

sempliċiment bħala "Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti". Iżda l-fatt li ġiet deskritta kif intqal ma jwassal għall-ebda nullita` kif jippretendi l-appellant, peress illi wara kollox il-liġi stess tipprovdi illi l-Qorti kompetenti hija l-Qorti "tal-kumpilazzjoni" (ċioe` dik Istruttorja). Inoltre mill-bidu sat-tmiem saret referenza għall-fatt li għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri kienet imsejħa "Qorti Rimandanti". Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud.

**7.** L-appellant irrileva wkoll li l-att li bih huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huwa datat 19 ta' Ottubru 2008.

**8.** Huwa minnu illi min iddattilografa dan l-att niżżel din id-data. Daqstant ieħor iżda jirriżulta illi meta mtlew id-dettalji tat-timbru li hemm fuq l-ewwel faċċata, inkitbet id-data tad-19 ta' Ottubru 2012 minn deputat reġistratur tal-Qorti, u meta mtlew id-dettalji tat-timbru tal-preżentata fuq it-tieni faċċata, ukoll tniżżlet id-data tad-19 ta' Ottubru 2012. Barra minn hekk il-proċeduri kontra l-appellant inbdew f'dik il-ġurnata, jiġifieri id-19 ta' Ottubru 2012, kif jidher mill-eżami li sar ta' l-appellant (a fol. 16) u mill-verbal tal-Qorti (a fol. 17). Mela meta fuq l-ewwel faċċata ġiet dattilografata s-sena 2008, dan ma kien xejn ħlief *lapsus computeri*. Dan ma jwassal għall-ebda nullita`. Għalhekk anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**9.** Aggravju ieħor ta' l-appellant jirrigwarda l-mod kif ittieħdu dawn il-proċeduri. Jgħid:

. "… it-talba tal-Awtoritajiet Taljani li fuqha tmexxew dawn il-proċeduri saret formalment lill-Awtoritajiet Maltin fl-20 ta' Awwissu 2010. Fil-fatt l-esponent ġie arrestat iżda kellu jiġi rilaxxat. Il-prosekuzjoni tgħid li dan għamlitu għaliex irrejalizżaw li kienu għamlu żball. Fil-verita` kellu jiġi rilaxxjat minħabba li l-Awtoritajiet Taljani ma kinux f'qagħda li josservaw ir-rekwiżiti kollha mposti fuqhom u li jibagħtu d-dokumentazzjoni meħtieġa skond it-talba tagħhom għall-estradizzjoni taħt il-Konvenzjoni tal-1957.

"L-esponent jissottometti bir-rispett li l-Awtoritajiet Maltin ma setgħux jerġgħu imexxu kontra l-esponent għall-estradizzjoni tiegħu a bażi tat-talba li kienet saret fl-2010. Dik it-talba ddekadiet meta ma ġietx segwita fit-termini imposti. Huwa minnu li l-Konvenzjoni stess tikkontempla sitwazzjoni fejn estradand jista` jerġa` jiġi arrestat, iżda dan biss wara li ssir talba ġdida. Mill-atti proċesswali dan ma jirriżultax li sar, anzi jirriżulta li ma sarx.

"In-nuqqas ta' talba ġdida biex jinbdew il-proċeduri odjerni, jagħti lok għan-nullita` tal-istess proċedimenti. Meta qed jiġu trattati kwistjonijiet dwar il-liberta` personali fi proċeduri penali, kwalunkwe nuqqas u kwalunkwe dubju, għandu jmur favur min qed jiġi miċħud mid-dritt fondamentali tiegħu tal-liberta`."

**10.** Issa, mill-atti jirriżulta illi fid-19 ta' Awissu 2010 saret talba mill-Gvern Taljan lill-Gvern Malti għall-arrest provviżorju ta' l-appellant għall-fini ta' l-estradizzjoni tiegħu (Dok. A a fol. 3). Effettivament huwa ġie arrestat iżda rilaxxat wara ftit siegħat. Kienet x'kienet ir-raġuni għar-rilaxx, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tindaga peress illi fi kwalunkwe każ mill-atti jirriżulta illi in effetti saret talba oħra sussegwenti mill-awtoritajiet Taljani kif jirriżulta min-"Nota Verbale" numru 2145 datat 23 ta' Novembru 2010 (a fol. 106 – 107). Għalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

**11.** Aggravju ieħor ta' l-appellant huwa dwar l-aspett proċedurali. Jgħid illi huwa ma ngħatax kopja tal-arrest u tad-dokumentazzjoni bil-lingwa taljana jew lingwa li seta` jifhem. Bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropea, f'pajjiż ieħor membru, huwa għandu dritt għall-garanziji minimi imposti mil-liġijiet ewropej, fosthom dik li jingħata kopja tal-arrest u d-dokumentazzjoni relattiva, fil-lingwa tieghu jew li jista` jifhem. Il-leġislazzjoni ewropea f'dan ir-rigward tegħleb dik lokali.

**12.** B'referenza għal dan l-aggravju, mix-xiehda ta' l-Ispettur Mario Cuschieri jirriżulta illi meta mar biex jesegwixxi l-mandat ta' arrest li kien inħareg mill-Maġistrat Dottor Carol Peralta, huwa spjega lill-appellant bit-Taljan il-kontenut tal-mandat. Inoltre l-appellant ġie nfurmat illi kellu d-dritt ta' avukat u anke d-dritt li jikkuntattja l-Ambaxxata Taljana. Fil-fatt jirriżulta illi huwa pprevalixxa ruħu minn dan. Jirriżulta illi ġie nterrogat fil-preżenza ta' interpretu u tul il-perkors tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti kellu l-assistenza ta' interpretu. Minn dan jidher illi ġie osservat dak provdut fl-artikoli 355AĊ[1] u 516(2)[2] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi anke dan l-aggravju hu respint.

**13.** Aggravju ieħor ta' l-appellant jirrigwarda l-mertu tat-talba għall-estradizzjoni. Huwa jissottometti illi skond il-liġi Taljana stess is-sentenzi huma estinti. Huwa jispjega:

"L-estradizzjoni tirrigwarda erba` sentenzi separati. Huwa veru li t-talba kif magħmula u wara d-digriet tas-17 ta' Lulju 2008, is-sentenzi gew akkumulati flimkien biex jiġu piena ta' 8 snin u 11 il-xahar u 20 jum priġunerija. Iżda dan ma għandux jippreġudika drittijiet akkwistati tal-esponent. Bl-artikolu 172 tal-Kodiċi Penali Taljan is-

---

[1] 355AĊ. (1) Meta persuna tiġi arrestata, l-arrest ma jkunx wieħed leġittimu kemm-il darba l-persuna arrestata ma tkunx mgħarrfa li qiegħda taħt arrest, ukoll jekk l-arrest jista' jidher li hu evidenti.

(2) L-arrest ma jkunx wieħed leġittimu kemm-il darba l-persuna arrestata ma tkunx mgħarrfa fil-waqt tal-arrest jew detenzjoni tagħha, f'ilsien li hija tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew id-detenzjoni tagħha:

Iżda jekk ikun meħtieġ interpretu u ma jkunx jista' jinstab wieħed malajr jew inkella jekk ma jkunx xort'oħra prattiku li jitħarsu d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu fil-waqt tal-arrest jew id-detenzjoni tal-persuna, dawk id-disposizzjonijiet għandhom jitħarsu kemm jista' jkun malajr.

[2] **516.** (1) L-ilsien Malti jkun l-ilsien tal-qrati u, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) il-proċeduri kollha għandhom isiru b'dak l-ilsien.

(2) Meta xi persuna akkużata ma tifhimx l-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proċeduri jew tiġi miġjuba xi xiehda, dawk il-proċeduri jew xiehda għandhom jiġu interpretati lilha jew mill-qorti jew minn interpretu li jiġi mogħti lilu l-ġurament.

sentenzi kontra l-esponent jiġu estinti wara d-dekors doppju tal-perjodu tas-sentenza jew wara l-perjodu ta’ 10 snin skond liema huwa l-aktar. Dan il-benefiċċju għandu japplika għal kull sentenza separatament u għalhekk jekk anke fil-każ ta’ waħda l-perjodu għad-dekadenza jkun skada, ebda ordni ta’ estradizzjoni ma għandu jsir fir-rigward ta’ dik is-sentenza. Inoltre l-perjodu applikabbli għandu jibda jiddekorri mis-sentenza oriġinali u l-esponent ma jistax jiġi preġudikat minn deċiżjonijiet amministrattivi jew oħrajn meħudin fl-assenza tiegħu. Huwa għandu dejjem jingħata l-benefiċċju ta’ l-aħjar ipoteżi favur tiegħu. Kull waħda mill-erba` sentenzi għandha tiġi konsidrata f’dan is-sens b’mod li l-esponent ma jiġix imcaħħad mill-benefiċċju tal-liġi bl-azzjoni ta’ ħaddieħor.”

**14.** Il-Qorti Rimandanti u, bħal f’dan il-każ, din il-Qorti (tal-Appell Kriminali) huma msejħa biex jiddeterminaw biss jekk jeżistux il-presupposti legali u fattwali li jintitolaw lill-awtorita` Eżekuttiva (il-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja) li jibgħat lura l-Italja lill-imsemmi appellant. F’dan il-każ il-prosekuzzjoni esebiet dokumentazzjoni tal-**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Agrigento** li tindika li l-piena kumulattiva li għandu jservi l-appellant hi ta’ tmien snin ħdax-il xahar u għoxrin ġurnata u li “non e` intervenuta alcuna prescrizione”. L-appellant jgħid li l-fatt li ġew akkumulati flimkien il-pieni kien riżultat ta’ deċiżjoni amministrattiva. F’dar-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-provvediment meħud mill-imsemmija **Procura** fis-17 ta’ Lulju 2008 li jgħid li sar a tenur ta’ l-artikolu 663 tal-**Codice di Procedura Penale Italiano** li jipprovdi:

**Art. 663.**
**Esecuzione di pene concorrenti.**

1. Quando la stessa persona è stata condannata con più sentenze o decreti penali per reati diversi, il pubblico ministero determina la pena da eseguirsi, in osservanza delle norme sul concorso di pene.

2. Se le condanne sono state inflitte da giudici diversi, provvede il pubblico ministero presso il giudice indicato nell'articolo 665 comma 4.

3. Il provvedimento del pubblico ministero è notificato al condannato e al suo difensore

**15.** Dwar il-kumulu tal-pieni mbagħad l-istess provvediment jirreferi għall-artikoli 73 *et seq.* tal-**Codice Penale Italiano** li fosthom l-artikolu 80 jipprovdi:

**Art. 80.**
**Concorso di pene inflitte con sentenze o decreti diversi.**

Le disposizioni degli articoli precedenti si applicano anche nel caso in cui, dopo una sentenza o un decreto di condanna, si deve giudicare la stessa persona per un altro reato commesso anteriormente o posteriormente alla condanna medesima, ovvero quando contro la stessa persona si debbono eseguire più sentenze o più decreti di condanna.

**16.** B'referenza mbagħad għall-artikolu 172 tal-Kodiċi Penali Taljan, minn eżami tas-sentenzi mogħtija fil-konfront ta' l-appellant mill-Qrati Taljani, fl-ebda każ ma jirriżulta li ddekorra aktar mill-minimu ta' għaxar snin minn meta saru "irrevocabili". Difatti s-sentenzi tal-Qorti ta' Appell ta' Palermo ngħataw rispettivament fis-26 ta' Frar 2003, fit-3 ta' Novembru 2003, fit-18 ta' Ottubru 2004 u fis-6 ta' Lulju 2005. Saħansitra fir-rigward tat-tielet każ sar rikors lill-Corte di Cassazione, liema rikors ġie dikjarat "inammissibile" fl-20 ta' Diċembru 2005.

**17.** Imbagħad mill-imsemmi provvediment tas-17 ta' Lulju 2008 u minn diversi dokumenti oħra esebiti mill-prosekuzzjoni, mhux anqas is-sentenzi relattivi, jirriżultaw ir-reati li tagħhom l-appellant instab ħati, il-pieni rispettivi u l-kumulu finali. M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li r-reati koncernati huma reati ta' estradizzjoni u lanqas illi l-

appellant ma serviex il-piena ta’ priġunerija opportuna.[3] Għaldaqstant lanqas dan l-aggravju ma jista’ jiġi milqugħ.

**18.** Aggravju ieħor ta’ l-appellant hu li l-kawzi fl-Italja ġew trattati u aktar minn hekk, ġew deċiżi fl-assenza tiegħu. Dan ifisser li ġie proċessat u misjub ħati fin-nuqqas tiegħu. Dan jgħodd ukoll anke jekk kien hemm fejn deher avukat fl-interess tiegħu. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tordna l-estradizzjoni anke fil-każ tas-sentenzi fejn ġie misjub ħati *in absentia* la darba ma jirriżultax mill-atti li l-Italja, bħala pajjiż li għamel it-talba, ma tax assigurazzjoni biżżejjed li jerġa` jiġi proċessat mill-ġdid jekk hekk jitlob (art. 11(1)(c) Kap 276).

**19.** Din il-Qorti l-ewwelnett eżaminat is-sentenzi relattivi. Minnhom jirriżulta illi l-appellant kien preżenti meta ngħataw tlieta mis-sentenzi ta’ prim’istanza mit-Tribunale di Agrigento (dawk mogħtija fid-9 ta’ Mejju 2001 – li s-sentenza mill-Qori t’Appell ta’ Palermo nghatat fis-26 ta’ Frar 2003, fit-13 ta’ Marzu 2002 – li s-sentenza mill-Qorti ta’ Appell ta’ Palermo ngħatat fit-3 ta’ Novembru 2003, u fit-22 ta’ Jannar 2003 – li s-sentenza mill-Qorti ta’ Appell ta’ Palermo ngħatat fit-18 ta’ Ottubru 2004. Ma kienx preżenti meta ngħatat is-sentenza mit-Tribunale di Agrige nto tat-23 ta’ Marzu 2004 li ġiet mbagħad determinata fl-Appell fis-6 ta’ Lulju 2005. Lanqas ma kien preżenti meta ġew deċiżi l-appelli. Irid jingħad, pero`, illi f’kull każ kien rappreżentat mill-avukat Annalisa Russello, deskritta bhala “difeso di fiducia”.

**20.** B’referenza għall-artikolu 11(2)(c) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta’ Malta, dan l-artikolu jipprovdi illi l-Ministru jista’ jirrifjuta li jagħmel ordni ta’ estradizzjoni “meta t-talba tkun għat-treġġigħ lura ta’ persuna misjuba ħatja ta’ reat fin-nuqqas tagħha u l-pajjiż li jagħmel it-talba ma jkunx ta assigurazzjoni aċċettata bħala biżżejjed mill-Ministru li dik il-persuna tiġi proċessata mill-ġdid jekk hi hekk titlob”. Bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Abdel Monem Abbas Aly** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta’ Awissu 2001 fir-

[3] Ara artikolu 15(3)(b) tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta’ Malta.

rigward ta’ l-artikolu 11(2)(b) li jittratta dwar assigurazzjoni aċċettata bħala biżżejjed mill-Ministru li l-piena tal-mewt ma tingħatax jew, jekk tingħata, li ma tiġix esegwita: “Il-kwistjoni ta’ assikurazzjonijiet f’dan is-sens hi, fil-fehma tal-Qorti, materja strettament politika imhollija f’idejn il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u mhux, bhal per ezempju il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, materja eminentement legali u determinanti ghall-process kriminali u ghall-istess azzjoni penali li ghandha tigi deciza mill-Qorti.[4] Din il-Qorti hi konfortata f’din il-fehma anke minn dak li jipprovdi l-Artikolu 11(2)(b) tal-Kap. 276, u cioe` li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja <u>jista’</u> (mhux ghandu) jirrifjuta li johrog l-Awtorita` ghal Procediment ‘meta skond il-ligi tal-pajjiz li jaghmel it-talba r-reat li dwaru jkun qed jintalab it-treggigh lura jkun suggett ghall-piena tal-mewt u l-pajjiz li jaghmel it-talba ma jkunx ta assigurazzjoni <u>accettata bhala bizzejjed mill-Ministru</u> li l-piena tal-mewt ma tinghatax jew, jekk tinghata, li ma tigix ezegwita’ (sottolinear ta’ din il-Qorti). Skond il-Kap. 276, il-Ministru jista’ wkoll jikkunsidra (jew jikkunsidra mill-gdid) il-kwistjoni ta’ assigurazzjonijiet sufficjenti f’dan is-sens meta jigi biex jaghmel l-Ordni ghat-Treggigh Lura (Artikolu 21(1), Kap. 276). Kienet ghalhekk korretta l-Qorti Rimandanti meta rrespingiet is-sottomissjoni tal-appellant li kienet sostanzjalment l-istess bhat-tmien aggravju. Ghall-motivi premess dana l-aggravju qieghed u koll jigi respint.”

**21.** Dak li ntqal fl-imsemmija sentenza japplika *mutatis mutandis* fil-każ odjern u għalhekk anke dan l-aggravju hu respint.

**22.** Fl-ahharnett l-appellant jissottometti li jekk jigi mibghut l-Italja, huwa ser ikun assoġġettat ghall-trattament inuman u degradanti bi ksur tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu (art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea). Huwa magħruf biżżejjed, jgħid l-appellant, li l-ħabsijiet Taljani huma sovraffollati bil-priġunieri tant li huwa kalkolat jinżammu medja ta’ tmien priġunieri f’kull ċella ta’ daqs li ma hux maħsub għal numru daqstant kbir ta’ persuni, u dawn

[4] Ara Anthony Satariano v. L-Avukat Generali et. Qorti Kostituzzjonali, 28 ta’ Novembru, 1997.

b'faċilitajiet sanitarji komuni limitati. Din is-sitwazzjoni hija ta' ħsara minn kull aspett u tikser b'mod serju d-dinjita` li kull persuna għandu dritt li jgawdi. Anke għal din ir-raguni l-appellant isostni li m'għandux jiġi estradit lejn l-Italja.

**23.** Fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tirreferi għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **The Police v. Lewis Muscat** mogħtija fid-9 ta' Marzu 2007:

"7. Even the third grievance – regarding the interpretation given by the first Court to the question of overcrowding – is unfounded. In its judgment the first Court did not say, as appellant seems to be implying, that overcrowding is not a relevant consideration when considering whether a person faces a specific, personal and significant risk of torture or of inhuman or degrading treatment or punishment. What that Court stated was:

"'As regards overcrowding, it results that this has always been a problem and not just in the last few years (page 161). Overcrowding <u>as such</u>, though it varies from time to time, cannot be considered as tantamount to torture, or to degrading or inhuman treatment, although it should not be acceptable.' (emphasis added by this court).

"Now this is perfectly in line with the case law of the European Court of Human Rights, indeed even with what is stated in the judgments referred to by appellant himself, that is the Dougoz and Peers cases. Overcrowding *ut sic* does not amount to torture or inhuman or degrading treatment or punishment; if however that overcrowding is coupled with other factors, such as restrictions on movement for very long periods, inadequate ventilation or practically no ventilation at all, inability to sleep because of that overcrowding, inadequate sanitary facilities or food – than in that case overcrowding becomes a relevant factor."

**24.** Tirreferi wkoll ghal dak li ntqal mill-Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-sentenza **Alain Schmitt v Onor Prim Ministru et** fit-30 ta' April 2010:

“Dwar il-kondizzjonijiet tal-habs fi Franza hu veru li r-rikorrent esebixxa dokumenti li jindikaw li, f’xi zmien, il-habsijiet Francizi kienu in generali, ‘dirty, overcrowded and dilipidatedħ, peroċ ma giex muri l-istat tal-habsijiet illum u lanqas li r-rikorrent se jitpogga f’habs li ghandu dawn il-karatteristici. Mhux bizzejjed li juri l-istat tal-habsijiet b’mod generali, imma li fuq bazi ta’ probabilita’, hu se jkun soggett ghal trattament inuman. Ir-rikorrent, f’dan il-kaz, irid juri possibilita’ ta’ trattament inuman fi grad gholi ghax mhux kull forma ta’ trattament li huwa kiefer jaqa’ taht l-iskop tal-artikolu relattiv li jaghti protezzjoni kontra dan it-trattament. Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea, fil-Greek Case (1969) innotat illi:

“It appears from the testimony of a number of witnesses that a certain roughness of treatment of detainees by both police and military authorities is tolerated by most detainees and even taken for granted. This underlines the fact that the point up to which prisoners and the public may accept physical violence as being neither cruel nor excessive, varies between different societies and even between different sections of them”.

“Kif intqal ukoll mill-awturi Van Dijk et fil-ktieb aktar qabel imsemmi (ibid pagna 113), biex tigi evitata l-estradizzjoni, l-applikant irid juri li se jkun soggett ghall-hsara personali ta’ certa gravita’. Jinghad, fil-fatt:

“However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of Article 3 is likely to occur. This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be exposed if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government”.

“F’dan il-kaz, ir-rikorrent ma uriex li fil-habs ta’ Franza, fejn jista’ jintbaghat jekk jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih, hu sejjer ikun f’periklu ‘to life or limb’. Ir-rikorrenti ma

talabx li jaghmel din il-prova, u f'kull kaz, il-Qorti ma tahsibx li fi stat demokratiku, bhal ma hu Franza jezisti 'a high probability', li r-rikorrent se jigi hekk trattat. Din il-Qorti rat ukoll li Franza, bhal Malta, tippermetti dritt ta' petizzjoni individwali lejn il-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jekk ir-rikorrent, jekk u meta jkun f'habs fi Franza, ikun qed jinghata trattament disuman u degradanti, hu jkun jista' jitlob rimedju effettiv minn dik il-Qorti. Zgur li f'dan il-kaz, din il-Qorti ma gietx murija li jezistu cirkostanzi hekk gravi fil-habsijiet ta' Franza li ghandha twaqqaf jew thassar l-ordni ta' kustodja."

**24.** Fil-ka**ż** odjern l-appellant ma ġab l-ebda prova li jekk inkarċerat fl-Italja se jkun soġġettat għal trattament inuman u degradanti, iżda sempliċement għamel allegazzjoni. M'hemmx dubju illi jekk jingħata tali trattament ikun jista' jitlob rimedju effettiv mill-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem, dato li l-Italja tippermetti d-dritt ta' petizzjoni individwali lejn dik il-Qorti. Għalhekk anke dan l-aggravju hu repsint.

**25.** Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti li tibgħat lill-appellant taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura lejn l-Italja skond kif indikat fl-Awtorita` għal Proċediment tal-15 ta' Ottubru 2012. U wara li rat l-artikoli 16, 18 u 21 tal-Kap. 276 tipprefiġġi terminu ta' ħmistax-il ġurnata millum sabiex l-appellant Angelo Fegapane jkun jista', jekk jidhirlu li xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 276 giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, ġiet jew x'aktarx ser tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, jipproċedi għal rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skond il-każ; u fl-istess ħin qed tgħarraf lill-appellant b'dana d-dritt li huwa għandu, kif ukoll tinfurmah li skond l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 276 hu mhux ser jitreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum millum.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tiġi minnufih mibgħuta mir-Reġistratur lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------